DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Notices

**12. 07. 2016**

**Press Notice 80**

## DALWAQT TAGĦLAQ IL-KONSULTAZZJONI DWAR IR-RILOKAZZJONI TAL-MONUMENT TAS-SETTE GIUGNO

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, permezz tal-GHRC (Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir), ifakkar li l-pubbliku għandu ċans sa nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju 2016 biex jissottometti s-suġġerimenti tiegħu, dwar fejn jaħseb li għandu jitqiegħed il-monument nazzjonali tas-Sette Giugno.

Ġrajja hekk importanti fl-istorja ta' Malta għandu jkollha monument fil-qalba tal-Belt Valletta fejn seħħew dawn il-ġrajjiet imdemmija, iżda sal-lum il-ġurnata, dan il-monument daqstant importanti, għadu ma kisibx lura l-glorja tiegħu.

Il-monument tas-Sette Giugno tneħħa minn Pjazza San Ġorġ sakemm saru x-xogħlijiet ta' tisbiħ iżda qatt ma tpoġġa lura f'postu. Għal xi żmien inżamm f'maħżen u wara ħafna kritika mill-pubbliku, fis-sena 2010, tqiegħed fil-ġnien ta' Hastings, fejn għadu hemm sal-lum.

Wara nhar it-Tnejn, il-GHRC se tkun qed tevalwa l-proposti kollha biex fil-ġranet li ġejjin tkun f'pożizzjoni li tħabbar id-dettalji.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-monument irid jitqiegħed f'post viċin ta' fejn seħħew il-ġrajjet tas-Sette Giugno, irid ikun f'post fejn jistgħu jsiru ċ-ċerimonji annwali organizzati mill-Gvern u jrid jirrispetta d-daqs tal-monument.

Il-pubbliku jista' jibgħat is-suġġerimenti tiegħu fuq ghrc@gov.mt jew jibgħat ittra bil-posta fuq l-indirizz: Monument Sette Giugno, GHRC, Triq Antonio Maurizio Valperga, il-Furjana. Wieħed jista' wkoll jidħol fuq is-sit socialdialogue.gov.mt.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt